



Brussell, 18 ta' Ottubru 2024
(OR. en)

14505/24
ADD 1

Fajl Interistituzzjonal:
2024/0257 (NLE)

TRANS 431
COWEB 155
ELARG 135

PROPOSTA

| | |
|-------------------|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġeneral tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 18 ta' Ottubru 2024 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġeneral tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2024) 468 final ANNEX |
| Suġġett: | ANNESS tal- Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem I-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport rigward it-tibdil fir-regoli dwar il-liv tal-maternitā tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2024) 468 final ANNEX.

Mehmuż: COM(2024) 468 final ANNEX



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.10.2024
COM(2024) 468 final

ANNEX

ANNESS

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunitat tat-Tmexxija Regionali tal-Komunità tat-Trasport rigward it-tibdil fir-regoli dwar il-liv tal-maternità tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport

MT

MT

ANNESS

ABBOZZ

DEĊIŻJONI Nru 2024/..... TAL-KUMITAT TAT-TMEXXIJA REĠJONALI TAL-KOMUNITÀ TAT-TRASPORT

ta' 2024

Li temenda d-Deċiżjoni Nru 2019/3 tal-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport tal-5 ta' Ġunju 2019

IL-KUMITAT TAT-TMEXXIJA REĠJONALI TAL-KOMUNITÀ TAT-TRASPORT,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport u, b'mod partikolari l-Artikolu 24(1) u l-Artikolu 30 tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu Uniku

Fid-Deċiżjoni Nru 2019/3 tal-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport tal-5 ta' Ġunju 2019, l-Artikolu 10.4 tal-Anness II, “Regolamenti tal-Persunal tal-Komunità tat-Trasport”, huwa emendat u għandu jaqra kif ġej:

“10.4 Liv tal-maternità

- (a) Mal-preżentazzjoni ta' ċertifikat mediku, in-nisa tqal għandhom ikunu intitolati għal 20 ġimgħa ta' liv tal-maternità b'paga sħiħa. Il-liv ma għandux jibda qabel 6 ġimgħat mid-data mistennija tal-ħlas murija fuq iċ-ċertifikat, u jintemm mhux qabel 14-il ġimgħa wara d-data tal-ħlas. Fil-każ ta' ċesarja, twelid multiplu jew qabel iż-żmien, jew twelid ta' tarbija b'diżabilità jew b'marda serja, iż-żmien għandu jkun 24 ġimgħa. Twelid qabel iż-żmien, għall-iskopijiet ta' din id-dispożizzjoni, huwa twelid li jseħħ qabel it-tmiem tal-34 ġimgħa tat-tqala. F'każ ta' periklu serju għall-omm jew għall-wild, il-liv tal-maternità jista' jibda qabel, wara l-preżentazzjoni ta' ċertifikat mediku li jirrakkomanda li liv tal-maternità jibda qabel. Fil-każijiet kollha, il-liv tal-maternità għandu jibda mhux aktar tard mid-data reali tal-ħlas.

- (b) L-intitolament għal-liv tal-maternitā jinżamm kollu kemm hu jekk it-tarbija tmut mat-twelid jew ffit wara.
- (c) Il-liv annwali jiġi jittieħed minnufih, mingħajr interruzzjoni, wara l-liv tal-maternitā.
- (d) Il-membru tal-persunal tista' tidħol lura x-xogħol wara tmiem il-liv tal-maternitā tagħha, dment li tippreżenta ċertifikat mediku li juri li hi b'saħħitha bizzżejjed biex twettaq il-kompli tagħha.”

Magħmul fi nhar2024

Għall-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali

Il-President